**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 343/2017 CFF**

**Vincent Micallef**
**vs**
**Sky Estates and Co u Owen Muscat**

**Illum 13 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** ta' Vincent Micallef, detentur tal-karta tal-identita' numru 543945(M), li miet fil-morit tal-kawza u l-atti gew trasfuzi f'isem Christian Micallef, Dorianne Dalli u Doris Micallef respettivament permezz ta' digriet datat 5 ta' Gunju 2019, fejn espona:

Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett'elef ewro (€3,000) jew somma verjuri rapprezentanti danni subiti mir-rikorrenti konsistenti f'diversi hsarat li gew identifikati fil-fond appartenenti lill-istess rikorrenti li jgib l-indirizz 'Gemini Flats', Triq Zandu, Bugibba, li kien precedentement mikri lis-socjeta' konvenuta ai termini tal-kuntratt lokatizju ta' Lulju, 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata bhal "Dok VM1"). Inoltre, ma' dan l-ammont jehtieg jigi mhallas ukoll bilanc ulterjuri (li ma jeccedix is-somma ta' €4,500) rapprezentanti danni li ghad iridu jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti u konsistenti f'telf ta' kera alternattiva tal-fond sa minn Awwissu 2016, u cioe' mit-terminazzjoni effettiva tal-imsemmi ftehim lokatizzju, stante li dan ma setax jinkera minhabba n-nuqqas taghkom li tirritornaw il-fond fl-istat li kien qabel ma nkera lis-socjeta' konvenuta, u dan kif spjegat fid-dettall hawn taht.

Illi l-fond in kwistjoni gie mikri lis-socjeta' konvenuta f'Lulju tal-2013, bil-ghan illi din tkun tista' tissullokah lil terzi, limitatament ghall-uzu kummercjali, skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim succitat, senjatament il-klawzola numru tlieta (3) tal-istess;

Illi l-konvenut Owen Muscat deher ukoll fuq l-istess kuntratt lokatizju, f'ismu personali, *qua* garanti solidali tas-socjeta' konvenuta;

Illi xi zmien qabel ma tterminat il-kirja in kwistjoni, u cioe' fl-20 t'April tal-2016, ir-rikorrenti baghat ittra legali lill-konvenuti sabiex javzahom illi huma kellhom jirritornaw ic-cwievet tal-fond fid-data tat-

terminazzjoni u jhallsu l-arretrati ta' kera li kienu ghadhom pendent entro tali data, filwaqt illi fil-frattemp jibqghu wkoll jaghmlu kull pagament rimanenti sa tmiem il-kirja;

Illi t-terminu tal-kirja *de quo* skada f'Awwissu tal-2016 izda, ghalkemm il-pussess tal-fond irriverta lura f'idejn ir-rikorrenti, huwa gie kostrett jibgaht ittra legali ulterjuri fis-26 ta' Settembru, 2016 li permezz taghha l-konvenuti gew interpellati ghal darb'ohra sabiex, itner alia, jghaddu ghal hlas ta' arretrati ta' kera mensili dovuti ghall-ahhar erba' xhur tal-kirja stante li dawn kienu baqghu ma thallsux;

Illi di piu, permezz tal-istess ittra l-konvenuti gew interpellati wkoll sabiex jersqu ghal hlas ta' tlett'elef ewro (€3,000), rapprezentanti danni li gew rekati lir-rikorrenti a kawza tal-morozita tal-konvenuti fl-adempiment tal-obbligi li kienu jinkombu fuqhom skont il-kuntratt lokatizzju senjatament il-klawzoli hdax (11) u hmistax (15) rispettivament;

Illi f'dan l-isfond jigi rilevat illi, meta r-rikorrenti acceda fuq il-post fi tmiem il-kirja, gew riskontrati diversi hsarat, inkluz bibien u hgieg tal-gallerija li sfaw imkissra, bank tal-kcina mifqugh, purtieri li ttiehdu bis-soprporti b'kollox, bicciet tal-ghamara nieqsa jew danneggjata, kif ukoll deterjormanet sinjifikanti fil-qaghda generali tal-fond, minbarra ammont ta' hmieg u/jew skart konsiderevoli li nstab sahansitra fil-partijiet komuni tal-blokka, liema hsarat gew kawzati minhabba nuqqas ta' manutenzjoni ordinarja da parti tas-socjeta' konvenuta (vide "Dok VM2" – kopja ta' diversi ritratti tal-imsemmija hsarat);

Illi ghaldaqstant irizulta li dawn il-hsarat kienu jehtiegu spiza ta' madwar tlett'elef ewro (€3,000) f'xoghlijiet rimedjali biex il-fond jigi ripristinat f'kundizzjoni idoneja u b'hekk ikun jista' jerga jinkera lil terzi, u dan skont stejjem ottjenuti mir-rikorrenti;

Illi barra minn hekk, l-inkwilin ma kienx qieghed ihallas il-kont tad-dawl, tant illi l-Enemalta qatghet il-provvista tad-dawl elettriku li gie ripristinat biss meta l-inkwilin fl-ahhar hallas il-kontijiet pendent f'Jannar 2017. Bhala konsegwenza ta' dan il-fatt u tal-fatt illi l-fond kien fih hsarat u hmieg, ir-rikorrenti spicca tilef xhur shah ta' kera. Kien propju f'dan il-kuntest li r-rikorrenti rega' baghat ittra legali fis-6 ta' Frar 2017 fejn talab illi l-konvenuti jhallsu wkoll ammont rapprezentanti d-danni sofferti mir-rikorrenti f'dan ir-rigward;

Illi minkejja li l-konvenuti eventwalment hallsu l-arretrati kollha ta' kera, huma baqghu ma hallsux is-somma ta' tlett'elef ewro (€3,000), rapprezentanti l-hsara li kkawzaw il-konvenuti fil-fond *de quo*, kif ukoll fil-hlas ta' danni ulterjuri, konsistenti f'telf ta' kera tal-istess fond;

Illi, ghaldaqstant, permezz tal-prezenti rikors, din l-Onorabbli Qorti qed tintalab tillikwida somma rapprezentanti d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti;

Illi fid-dawl tal-permess u ghal finijiet ta' kompetenza, jinghad illi din il-kawza qed tigi ntavolata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), stante illi d-danni li tavolta jistghu jigu likwidati minn din l-Onorabbli Qorti m'humiex ser jeccedu l-ammont stipulat fl-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi, ghalhekk, in vista' tas-suespost, ir-rikorrenti safa kostrett jintavola din il-kawza fil-konfront tal-konvenuti;

Bl-ispejjez gudizzjarji u dawk extra-gudizzjarji kif ukoll bl-imghax legali applikabbli skont il-ligi.

Rat **ir-risposta tal-konvenuti Sky Estates and Co (P-1465) kif rapprezentata minn Owen Muscat (K.I. Nru 522488M) u Owen Muscat (K.I. Nru 522488M) f'ismu personali** fejn esponiet:

1. Illi l-esponenti Sky Estates and Co kellha fil-pussess taghha b'titolu ta' lokazzjoni l-blokka 'Gemini Flats', Triq Zandu, Bugibba ghal perjodu kif jindika l-kuntratt prezentat mill-istess rikorrenti

2. Illi l-ammont konsistenti f'diversi hsarat qed jigi michud ghajr ghall-ispejjez relatati mal-hgiega tal-gallarija tal-appartament bin-numru wiehed (1) u l-hgiega fil-bieb li taghti mill-'washroom' ghall-bejt, liema hsarat gew ammessi mill-istess esponenti immedjatament u gew mitluba l-ircevuti fiskali sabiex dan tal-ahhar jghaddi l-hlas relattiv, liema ircevuti qatt ma gew mghoddijin lilhom.

3. Illi ghaldaqstant, it-talba ghall-hsarat tal-hgiega tal-gallarija tal-appartament bin-numru wiehed (1) u hgiega fil-bieb li taghti mill-washroom ghall-bejt hija tempestiva u dan stante li kif inghad hawn fuq, intalbu l-ircevuti fiskali sabiex isir Il-hlas, izda qatt ma gew mghoddija lilhom.

4. Illi trid issir il-prova tal-allegat hsara.

5. Illi l-ammont mitlub rapprezentanti danni konsistenti f'telf tal-fond ma humiex dovuti u dan stante li l-fond gie ritornat lit-rikorrenti fi stat wisq ahjar minn kif inkera lis-Socjeta' Sky Estates and Co u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza. In oltre u bid-dovut rispetto, wiehed kien jippretendi li fil-perjodu li ghalih qieghed jintalab il-hlas ghal telf ta' qliegh, kienu jittellghu blokok shah u kumplessi u mhux isir riparazzjoni tal-allegat hsara li saret u li qieghda tigi kkontestata bil-qawwa kollha mill-esponenti.

6. Di piu, u dan dejjem minghajr pregudizzju ghal dak diga ecepit, jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li effetivament saret hsara, ghandu jinghad illi r-rikorrenti ma hax hsieb jaghmel it-tiswijiet necessarji fi zmien qasir, u dan il-fatt wassal sabiex huwa ma jikrix l-istess blokka minhabba l-inadempjenza tal-istess rikorrenti. Ghalhekk jekk il-Qorti, u dan *dato ma non concesso*, ssib li kien hemm xi element ta' htija jew responsabbilita' ghal istess danni allegati, dawn ghandhom jigu kkwantifikati f'ammont ferm inqas minn dak reklamat mill-istess rikorrenti.

7. Illi kif inghad aktar 'il fuq, il-proprjeta' in kwistjoni ghaddiet ghand ir-rikorrenti f'kundizzjoni ahjar minn meta effettivament ghaddiet ghand Sky Estates and Co, u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

8. Illi ma huwiex minnu dak kontenut fl-avviz, in kwantu dan jolqot il-fatt li l-Enemalta qatghet il-provvista tad-dawl elettriku u dan kif ser jirruzlta mill-provi.

9. Illi ghalhekk it-talbiet tra-rikorrenti ghad-danni konsistenti fi hsarat ghandha tigi limitata ghal dak ammess mill-istess esponenti filwaqt li t-talba ghad-danni konsistenti f'telf ta' qliegh hija nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

10. B'riserva ghal risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

**Vincent Micallef** qal li huwa sid ta' 'Gemini Flats, Triq Zandu, Bugibba u li kien kriehom lil Skylight ghal tliet snin. Hu stqarr li meta hadhom lura wara li spicca zmien tal-ftehim sab hafna hmieg u hsara, li filfatt u jghid li hela tliet skips biex gibhom f'posthom. Huwa ta deskrizzjoni tal-hmieg u l-hsarat li sab. Micallef kompla jghid li wiehed mill-'flats' kien intuza biss madwar ghaxar xhur mit-tifel tieghu, izda il-'flats' kollha kienu gooda fjamanti meta tahom lil Skylight. Rigward id-dawl, Micallef wiegeb li wara xhur jitolbu biex jaghmlu t-'transfer', kien tahomlu f'Jannar. Hu qal li kienu qatghulu d-dawl u l-ilma u li kellu kont pendenti ta' xi €1,800 li l-konvenut hallas dakinhar biex seta jsir it-'transfer' ghal fuq Micallef. Huwa stqarr li l-'flats' kienu jinsabu mikrijin.

Rega' xehed Vincent Micallef fejn esebixxa tliet kuntratti li gew immarkati bhala Dokumenti Dok VMX1 sa VMX3 u faxxikolu ta' rcevuti tal-ispejjez fl-appartament immarkati bhala Dokument VMX4.

**Reuben Bonnici**, bhala rapprezentant ta' ARMS Ltd, qal fuq il-fond 'Gemini Flats', Triq Zandu, Bugibba, kien hemm tliet transfers; minn Vincent Micallef ('sticky note' orangjo), ghal Sky Estates and Co ('sticky note' roza) u lura ghas-Sur Vincent Micallef. Huwa pprezenta kopja tad-dokumenti tal-kontijiet li hargu bejn l-2013 u l-2017, li gew immarkati bhala Dokument RB1. Meta mistoqsi minn Dr Camilleri jekk kienx hemm qtugh ta' dawl minhabba nuqqas ta' hlas, Bonnici jirrimarka li fil-ewwel 'statement' bl-'isticky note' roza li hemm 'charge' ta' 70 ewro ta' meta nqata' d-dawl u 70 ewro ohra ta' meta kien hemm 'reconnection'. Huwa wiegeb ukoll li 'reconnection' tkun saret minnhabba li jkun sar pagament akkont jew ikun sar xi ftehim.

**Owen Muscat**, permezz ta' affidavit, jghid li huwa propjetarju tal-agenzija bl-isem ta' Sky Estates u li kien iffirma kuntratt ta' kera ma' Vincent Micallef, ta' tliet appartamenti ghas-somma ta' 700 ewro fix-xahar ghall-ewwel sena u 750 ewro fix-xahar ghat-tieni sena. Huwa stqarr li gew mikrija ghal dawk l-ammont minhabba 'l-istat dizastruz li kienu l-appartamenti' u li kien hemm qbil li dawn jigu 'refurnished'. Huwa jghid li dak iz-zmien, fl-2013, il-kirja medja kienet ta' 500-600 ewro fix-xahar. Muscat kompla jghid li meta hadu l-appartamenti kien sar kisi ta' partijiet mil-komun, tibjid kullimkien, tibdil tal-pajpijiet tal-ilma, tiswija ta' bibien, xiri ta' ghamara ghal kullimkien u xiri ta' 'appliances', purtieri u 'railings'. Owen Muscat stqarr li l-ghamara kien xtraha 'second hand' minn 'Maltapark'. Huwa zid jghid li minnhabba l-istat li fih kienet il-blokka kienet tnizlet il-klawsola numru 5 u li kien sar qbil sabiex tigi ngassata l-maggoranza tal-kontenut tal-klawsola numru 11. Muscat qal li huwa informa lil Vince li kien ha jibdel l-ghamara u li din l-ghamara thalliet fil-post f'gheluq il-kuntratt. Huwa kompla jghid ukoll li l-appliances kien xtrahom kollha hu 'second hand' minn 'Maltapark' u li f'Dokument C, Vince ammetta li l-'washing machine' kienet taghhom. Muscat stqarr ukoll li Vince ta' spiss kien jaghmel access fil-flattijiet u tant kien kuntent bihom li offrielhom li jestendu l-kuntratt ghal tliet snin ohra b'kera ta' €1,200 li titla ghal €1,500, fejn izda Muscat ma accettax. Huwa zid jghid li lejn tmiem il-kuntratt, hu flimkien ma' Vince daru l-appartamenti, hu minhabba li kien hemm zewg hgiegiet li nkissru fi zmien li kien mikri lilhom, qablu li jibdel il-hgieg Vince, jghaddilu l-ircevuti u jhallsu, liema rcevuti hu qatt ma rcieva. Muscat kompla jghid ukoll li kien ftiehem ma' Vince biex meta jkun komdu ghalih jibghat lin-nies inaddfu, ghaliex l-ahhar xahar ma kinitx giet il-'cleaner'. Huwa nnega li kien hemm hafna hmieg fil-komun. Huwa stqarr li l-appliances kienu propjeta' taghhom u minhabba li ma kellhomx access ghal flattijiet ma setghux jihduhom lura. Rigward l-elettriku, Muscat sahaq li dan dam ma sarx ghax Vince ma ridx ihallas it-'transfee fee' ta' sebghin ewro. Flimkien mal-affidavit, Muscat ipprezenta sett ritratti dokumentati bhal Dok A, kopja ta' 'invoice' immarkata bhala Dok B u 'e-mail' immarkata bhala Dok C.

**Omar Toutongi**, permezz ta' affidavit jghid li huwa partner fin-negozju ma' Owen Muscat taht l-agenzija Sky Estates u li ghalkemm dak iz-zmien in-negozju kien imexxih Owen, fejn jidhlu negozjati kien ikun dejjem prezenti. Huwa jispjega li kien present fil-laqghat ma' Vince qabel ma krew il-blokka lilu u kkonferma u ddikjara li l-kontenut tal-affidavit ta' Owen Muscat hija dik veritiera u li mhux vera li kif qal Micallef, li l-appartamenti kienu fi stat tajjeb.

**Owen Muscat** ikkonferma li l-kuntratt immarkat bhala Dok VM1 huwa 'lease agreement' bejn il-kumpanija tieghu u Vincent Micallef. Huwa kkonferma wkoll li ghalkemm ir-ritratti f'Dok A huma mnizzlin minn 'Google Maps' f'Dicembru 2019 dawn kienu juru l-propjeta' kif kienet fl-2016. Huwa kompla jikkonferma li huwa jahdem billi jixtri l-ghamara u li m'ghandux 'invoices' tal-ghamara mixtrija dak iz-zmien. Rigward dan Muscat zid jghid li r-raguni kienet li kienu mixtrijin 'second hand' f'kundizzjoni tajba allura ma jkunx hemm 'invoices'.

Meta mistoqsi minn Dr Camilleri, Omar Tutugni stqarr li huwa kien involut fin-negozji li ghamlu ma' Vincent Micallef sa mill-bidu nett, li n-negozjati kien jaghmilhom flimkien ma' Owen Muscat, li mar diversi drabi jara l-appartament qabel saret il-kirja u li ma kienx prezenti meta gie ffirmat il-kuntratt tal-kirja izda Owen kien iffirma f'ismu. Huwa kkonferma wkoll li Vincent Micallef kellu mahzen/garaxx fit-triq u li kienu jitilghu mieghu kemm-il darba qabel ghalqu l-ftehim. Tutugni kkonferma wkoll li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq il-hlas tat-trasferiment ghal fatt li kienu lesti li jhalsu l-kont imma rigward it-'transfer' pretendew li bhalma kienu halsu t-'transfer' meta qalbuh fuqhom, pretendew li biex jinqaleb fuq Micallef ihallas hu. Meta mistoqsi rigward id-dizgwit minn Dr Pirotta Chircop Beck, Tutugni stqarr li l-ftehim kien li l-ewwel 'transfer', biex jinqaleb fuqhom, ihalsuh huma umbaghad ihallas Micallef meta jerga' jinqaleb lura ghal fuqu. Huwa kkonferma li umbaghad kienu halsu t-transfer fee huma, bejn sebghin/tmenin ewro, lill-ARMS biex jehilsu mill-kont li kien jghajjat lilhom.

Il-Qorti rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 7 ta' Lulju, 2020.

**Ikkunsidrat:**
**Fatti tal-Kaz**
Illi l-attur Vincent Micallef kien kera lis-socjeta konvenuta apartamenti gewwa Bugibba u dan skont il-kuntratt ta' kirja li gie esebit f'dawn il-proceduri li jinsab a fol 4 (Dok VM 1). Illi wara l-gheluq tal-kuntratt, r-rikorrent Vincent Micallef ha lura l-pussess ta' din il-blokka fejn irrizultalu li kien hemm diversi hsarat fosthom bibien u hgieg li gew imkissra, bicciet tal-ghamara nieqsa u hmieg fil-komun. Illi skont ir-rikorrent dawn il-hsarat kien jammonta ghal madwar tlett elef Euro. Illi jkompli l-istess rikorrent li minhabba il-hsarat u anki ghal fatt li ma thallasx il-kont tad-dawl, sofra danni minhabba li ma gewx mikrija l-apartamenti.

Minn naha tas-socjeta konvenuti cahdu dan kollu hlief ghal hgieg li kien tkisser u li kienu lesti li jaghmlu tajjeb ghalih. Illi fl-affidavit ta' Owen Muscat huwa spjega li meta hadu l-blokka minn ghand l-attur, din ma kenitx fi stat tajjeb hafna. Tant li kellhom jixtru diversi ghamara u jirrangaw il-post huma stess. Fil-fatt kienu huma stess li ghamlu l-manutenzjonijiet u rrangawh fejn kienu bajduh, bidlu xi pajpijiet tal-ilma. Kienu anki xtraw apppliances minhabba l-fatt li ma kienx hemm. Illi huwa stqarr li fil-fatt li skont ma hemm f'dok C (a fol 182) turi li l-washing machines li kien hemm kienu taghhom. Minn dak li stqarr ir-relazzjoni ta' bejniethom kienet tajba tant li l-attur xtaq li jiggedded il-kuntratt imma l-kera kienet tghola u minhabba f'hekk ma kienux ftehmu. Tant li meta waslet l-ahhar gurnata li kellu jiskadi l-kuntratt, saret spezzjoni flimkien tal-post u kienu accettaw li jaghmlu tajjeb ghal xi hgieg li kien tkisser matul il-kirja. Fil-fatt wara t-terminazzjoni tal-kirja, kienu hallew xi ghamara fil-post u minhabba li ma kellhomx access ma setghux imorru ghalihom u jiehduhom lura.

**Ikkunsidrat**
L-attur fit-talbiet tieghu qieghed jitlob hlas ta' madwar tlett elef Euro minhabba hsarat kif ukoll is-somma ta' madwar erbat elef u hames mitt Euro minhabba li ma setax jigi mikri l-post. Is-socjeta konvenuta qieghda tikkontesta dawn id-danni li qieghed jallega l-attur fejn skont is-socjeta konvenuta l-blokka tawha lura ahjar milli kienet meta haduha huma.

Illi matul dawn il-proceduri ma gie mahtur ebda espert tekniku sabiex jirrelata dwar il-hsarat li qieghed jallega l-attur. Illi l-unika provi li ressaq l-attur kienu sett ta' ritratti u diversi ricevuti li skont l-attur huwa hallas sabiex jirranga l-post u jbiddel l-appliances li kien hemm gewwa l-appartamenti. Illi dawn l-ircevuti li jinsabu a fol 114 et seq (dok VMX 4) huma skont l-istess attur il-flus li hallas sabiex jirranga u jibdel oggetti minhabba d-danni li huwa sofra fl-istess appartamenti li kienu mikrija lis-socjeta' konvenuta.

Il-Qorti minn naha l-ohra ma tistax taccetta likwidazzjoni ta' danni bbazata fuq supposizzjonijiet u mhux fuq prova konkreta li d-dannu reklamat gie effettivament subit u dana in omagg ghall-principju li r-risarciment tad-dannu ghandu jkun il-kompensazzjoni tal-pregudizzju arrekat u r-restawr tal-qaghda *ante*

*quo* il-fatt leziv tad-dritt. Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li "id-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirrijentegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarciment par equivalent ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur ta' l-utilitajiet mitlufa – **Antonia Zammit v. Mario Calleja,** Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Jannar 1977, **Edgar Sant v. Peter Borg**, Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 1979.

Naturalment din ir-regola tar-restitutio in integrum hi kwalifikata minn regola ohra li timponi fuq l-attur id-dmir li jiehu l-mizuri kollha ragjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza tal-fatt illecitu, b'mod li jista' jigi eskluz, fil-kazijiet kongruwi, mir-rizarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi **Joseph Aquilina v. Emanuele Schembri**, Appell Civili, 24 ta' Jannar 1969.

Fid-dawl ta' dawn il-principji jsegwi li l-oneru tal-prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih u b'hekk jinkombi lill-attur li jaghti prova ta' l-effettiva ezistenza tad-dannu u fin-nuqqas li ssir tali prova l-pretensjoni tieghu ma tkunx tista' tigi milqugha. Il-fatt li d-danneggjant jassumi r-responsabiltà tal-hsarat kawzati u juri l-hsieb li jaghmel tajjeb ghal hsarat bi spejjez tieghu, kif anki ntqal fl-istess risposta tal-konvenuti, dan ma jezonerax lid-danneggjat mill-obbligu tieghu li jipprova li effettivament u realment sofra d-danni minnu reklamati.

Illi l-attur kif inghad esebixxa diversi ricevuti ta' dak li huwa hallas sabiex jirranga l-appartamenti minhabba danni subiti fihom. Illi l-Qorti tinnota li minn dawn l-ircevuti huma biss fil-minimu li jindikaw xi forma ta' relazzjoni mal-appartamenti in kwistjoni. Illi il-Qorti tinnota li hemm diversi ricevuti li ma hemm ebda spjegazzjoni fuqhom ta' fejn sar ix-xoghol. Illi l-istess attur ma ressaq ebda prova li fil-fatt li huwa indika li kien hemm hsarat ta' certu affarijiet li kien hemm bzonn li jinbidlu jew li jigu rrangati. Illi fl-istess dikjarazzjoni li ghamel l-attur fir-rikors promotur tieghu accenna ghal xoghol rimedjali li kellu jsir u l-unika referenza li ghamel tal-hsarat kienu dawk li jidhru fl-istess ritratti. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem x'kienet ir-raguni tal-istess attur li jipprezenta ammonti kbar ta' ricevuti minghajr ma hemm indikazzjoni jekk sarux sabiex isewwi jew inkella jibdel dak li hemm. Illi fil-fatt ftit kienu dawk l-ircevuti li jaghmlu referenza ghal appartament wiehed partikolari u mhux ghal blokka kollha. Dan iwassal ghall-principju ulterjuri li l-ligi trid li l-hsara tigi rizarcita, mhux li l-infortunat jaghmel investiment mid-disgrazzja li gratlu (ara George Gatt v. Francis E. Carbone nomine, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Lulju 1998). Illi ghalhekk din il-Qorti mhiex konvinta minn dak li qieghed jallega l-attur rigward id-danni kollha subiti. In oltre l-attur qieghed jippretendi hlas addizzjonali ta' telf ta' kera minhabba li ma setghax jikri l-post. Illi ghalkemm huwa semma li dam kwazi seba' xhur sakemm thallas il-kont tad-dawl u rega' nghata d-dawl fl-appartamenti, ma ressaqx prova li juri li huwa kellu xi kirjiet jew talbiet ghal post u ma setghax jikri minhabba n-nuqqas ta' servizzi.

**Ikkunsidrat**

Illi wara li din il-Qorti ikkunsidrat l-aspetti kollha tal-kaz odjern, din il-Qorti ma thossx li tista' tilqa' t-talbiet tal-attur fl-intier taghhom u lanqas l-argumenti u s-sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Dan mhux biss ghaliex kieku kellha tilqa' dak li qieghed jipprentendi l-attur minghajr ma ressaq prova cara in sostenn ta' dak li qieghed jallega, effettivament huwa kien sejjer jigi rizarcit ta' oggetti li prova tal-hsara taghhom ma ressaqx. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax, u ma ghandhiex, taccetta argumenti li ma kienx hemm hsara ghajr ghal xi bieb u hgieg li s-socjeta' konvenuta qieghda tghid. Illi lanqas ma jidher li l-istess socjeta konvenuta ma ghamlet sforz sabiex dawk l-oggetti li hija halliet fl-appartamenti tehodhom lura u turi kif effetivament kienu jappartjenu lilha u mhux tal-inkwilin.

Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li hu ekwitattiv tal-entita` tad-danni illi tadotta r-regola ta' "*in media stat virtus*" b' mod li min-naha tistabbilixxi r-rizarciment gust u min-naha l-ohra tevita r-rizarciment gravuz; Hi l-fehma tal-Qorti illi tenut rigward ta' l-argumenti kollha, favur jew kontra, sottomessi mill-kontendenti tara li s-

somma ta' elf u hames mitt Euro (1500 Euro) ghandha sservi bhala bazi ekwa tal-kompensazzjoni ghat-telf subit u tal-qligh imtellef.

**Decide:**
Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa t-talba tal-attur billi tillikwida d-danni spettanti lill-attur fis-somma ta' elf u hames mitt Euro (1500 Euro) b'dan illi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u Owen Muscat biex flimkien u in solidum ihallsu lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1500), bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata ta' l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez gudizzjarji fir-rigward ta' dawn it-talbiet jithallsu mis-socjeta` konvenuta u Owen Muscat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**